MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 999/2011

**In-Nutar Dr. Patrick Critien**

**vs**

**Kunsill Lokali Santa Venera**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mill-attur fl-24 ta' Novembru, 2011 u li permezz taghha talab lit-Tribunal biex jikkundanna lill-Kunsill konvenut jhallsu s-somma ta' erba' mija hamsa u hamsin euro (€455) wara li ppremetta hekk:

"Peress illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-vettura tat-tip Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni "CIC-283";

Peress illi nhar it-2 ta' Settembru, n-Nutar Dr. Sean Critien kien qieghed isuq l-istess vettura u kien involut f'incident fi Triq Braille gewwa Santa Venera fejn il-vettura msemmija garrbet hsarat konsegwenza ta' *sleeping policeman*;

Peress illi l-imsemmi incident sehh unikament minhabba ragunijiet imputabbli lill-Kunsill Lokali intimat minhabba tort, negligenza, imperizja u nuqqas t'osservanza tal-ligijiet relattivi da parti tieghu inkluz l-obbligu li jzomm it-toroq tal-lokalita in kwistjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, mdawwla bizzejjed sabiex il-hajja u s-sigurta tas-sewwieqa ma tigix perikolata, li jkun hemm dawk is-sinjali, marki u zebgha li jindikaw l-*sleeping policeman* fit-triq imsemmija u li l-istess *sleeping policeman* tkun mibnija skond l-*standards* appoziti;

Peress li l-hsara u danni kawzati mill-incident imsemmi jammontaw ghal erba' mija u hamsa u hamsin euro (€455), liema somma tinkludi wkoll is-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin euro (€273) *loss of use* flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tal-incident (ara Dok. NP1 – NPC3 hawn annessi);

Peress li l-Kunsill intimat, ghalkemm debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti permezz ta' ittra legali datata s-27 ta' Settembru, 2011 (ara Dok. NPC4) u anke permezz ta' ittra ufficjali datata l-25 t'Ottubru 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. NPC5) izda baqa inadempjenti;

Ghalhekk it-Tribunal huwa mitlub:

1. Jiddikjara li l-Kunsill Lokali Santa Venera huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

2. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali Santa Venera jhallas lill-attur l-ammont ta' erba' mija u hamsa u hamsin euro (€455) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur kawza tal-incident imsemmi u liema somma tinkludi wkoll il-*loss of use* relattiv.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kif mitlub mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez relattivi ma' l-ittra legali tas-27 ta' Settembru, 2011 (Dok. NPC4) kif ukoll tal-ittra ufficjali (ara Dok. NPC5) kontra l-Kunsill konvenut li huwa ngunti min issa ghas-subizzjoni.

Ra **r-risposta tal-Kunsill konvenut** imressqa minnu fid-9 ta' Dicembru, 2011 u li permezz taghha ecceppixxa hekk:

1. Illi preliminarjament dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex kompetenti *ratione materie* u dan stante li t-talba tal-attur kif dedotta, ma tikkwalifikax bhala '*money claim*' a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi t-talba ghall-hlas trid bilfors tigi preceduta b'indagini dwar htija mill-forum kompetenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda dannu u/jew ammont ma hu dovut mill-Kunsill Lokali konvenut lill-attur u dan kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-*sleeping policeman* saret skond is-sengha w l-arti u skond l-ispecifikazzjonijiet u l-permess tal-awtorita kompetenti;

4. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-i*sleeping policeman* ilu snin li sar u jinsab b'sinjalegg adegwat u l-Kunsill Lokali konvenut qatt ma rcievha ilmenti dwar l-istess;

5. Illi ebda hsara ma tista tigi kkagunata sakemm il-velocita tkun wahda permessibbli mill-ligi;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Ra l-verbal tas-17 ta' April fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

7. **InNutar Dr. Sean Critien** xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa jghid li fit-2 ta' Settembru, 2011 huwa kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Volkswagen

Golf bil-pjanca ta’ registrazzjoni CIC 283 liema vettura hija proprjeta ta’ missieru. Mieghu bhala passiggieri kien hemm Paul Vella u Marcelline Micallef. Il-hin kien wara l-10.30p.m. u skond ix-xhud “*kien id-dlam zgur*” (fol. 15).

Ix-xhud ighid li x’hin waslu fejn il-pompa tal-petrol li hemm hdejn id-dar ta’ San Guzepp (gewwa Santa Venera) u qabad in-nizla li hemm biswit l-istess pompa (li tigi Triq Braille), “*... smajna hoss qawwi, tant li nhsadna sew kemm bil-hoss li ghamlet il-vettura kif ukoll bil-qabza li hadna*” (fol. 15). Ikompli jghid li huwa kien ghaddej bil-mod u dan peress li huwa kellu zewg passigieri mieghu u t-triq ma kienitx imdawla sew. Izid ighid li “*... kieku ma kienx ghall-hoss qawwi li semmejt kif ukoll ghall-qabza, ma kontx ninduna li kien hemm sleeping policeman tal-concrete kbira*” (fol. 15).

In-Nutar Critien ighid li din l-i*sleeping policeman* ma kellhiex zebgha maghha jew xi forma ta’ sinjali li jaghtu indikazzjoni taghha u anke minhabba n-nuqqas ta’ dawl li hemm fl-inhawi kien impossibbli ghalih li jara u nduna biha biss x’hin ghadda min fuqha.

Minkejja li x-xhud sema’ dan il-hoss qawwi, huwa baqa jsuq bil-karozza tieghu sa tas-Sliema u kien hemm li nduna li l-vettura kienet gratilha hsara u dan peress li beda hiereg iz-zejt. Ix-xhud ighid li l-hsara kienet ferm ikbar peress li l-*hump* kienet tal-*concrete* u mhux tal-lakstiku jew materjal aktar artab. Huwa halla l-vettura ghand il-*mechanic* dak-in-nhar stess li sehh l-incident u mar ikellmu l-ghada biex ighidlu x’kien gara.

Minhabba dan l-incident, ix-xhud ighid li huwa kellu jikri vettura ghaz-zmien kollu li damet din l-istess vettura ghand il-*mechanic* u dan peress li “... *din hija bzonnjuza anke ghax-xoghol tieghi bhala Nutar, specjalment peress li jien ghandi zewg ufficji f’zewg lokalitajiet differenti u jkolli ta’ bilfors ingorr numru ta’ files mieghi. Apparti dan, mhux l-ewwel darba li jkolli appuntamenti barra l-ufficji u ghalhekk, kelli bzonn vettura biex ghall-anqas inkompli nahdem minghajr problemi, relattivament* ” (fol. 15). Ir-ricevuti li gew esebiti mix-xhud u li gew immarkati bhala

Dok. NP1 sa NP 3 thallsu mill-istess xhud. Huwa ghalhekk li r-ricevuti hargu fuq ismu.

L-istess xhud esebixxa ukoll seba' (7) ritratti ta' l-akwati fejn sehh l-incident u l-i*sleeping policeman* in kwistjoni. Dawn ir-ritratti, skond dan ix-xhud, juru l-istat ta' l-i*sleeping policeman* in kwistjoni kif kien dakinhar tal-incident. Huwa jerga jtenni li "*... anke fid-dawl tal-gurnata, l-isleeping policeman hija camouflage mat-triq ghaliex nieqsa miz-zebgha u nieqsa wkoll minn xi sinjali ohra li setghu jaghtuni indikazzjoni li kien hemm sleeping policeman*" (fol. 15). Finalment, ix-xhud jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li minn wara li sehh l-incident, il-Kunsill lokali konvenut zebgha l-i*sleeping policeman* in kwistjoni biex b'hekk sewwieq ikun jista jara din l-istess *hump* u jkun jista jsuq b'kawtela.

In kontro-ezami, n-Nutar Critien, meta gie mistoqsi jghid b'kemm kien ghaddej velocita, huwa jistqarr li "*... kont ghaddej bejn wiehed u iehor b'erbghin jew hamsa u erbghin kilometru fis-siegha*". Il-kondizzjoniji tat-triq kienet niexfa u cioe ma kienx hemm xita u karozzi quddiemu ma kienx hemm. Mistoqsi dwar is-*sleeping policeman* l-ohra li hemm fl-istess triq, ix-xhud ighid li huwa induna b'dawn u saq, kwazi waqaf, bil-mod minn fuqhom.

8. Xehdet ukoll bil-procedura ta' l-affidavit **Marcelline Micallef.** Hija tikkonferma dak li xehed in-Nutar Dr. Sean Critien. Max-xhieda tieghu ziedet tghid li l-vettura misjuqa minn Nutar damet ghand il-*mechanic* ghal diversi gimghat. Ikkonfermat ukoll ir-ritratti li ttiehdu bhala li kienu qeghdin juru s-sitwazzjoni kif kienet dak-in-nhar li sehh l-incident. L-uniku differenza kienet li r-ritratti ttiehdu filghodu filwaqt li l-incident sehh bil-lejl. **Paul Vella**, li kien prezenti ukoll fil-karozza misjuqa minn Nutar Critien ikkonferma dak li qalu z-zewg xhieda ta' qablu.

9. Fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012 **xehed in-Nutar Patrick Critien**. Huwa kkonferma li hu proprjetarju tal-vettura li kien qieghed isuq ibnu n-Nutar Sean Critien dak-in-nhar li sehh l-incident. Mistoqsi r-raguni l-ghala r-ricevuti kienu fuq isem ibnu u mhux fuq ismu, x-xhud ighid

li "*l-ircevuti qeghdin fuq isem ibni ghaliex jiena kont baghtu jhallas hu ghar-repairs u ghall-affarijiet l-ohra li ntefqu kawza ta' dan l-incident*" (fol. 25). Meta gie mistoqsi in kontro-ezami dwar il-kiri tal-vettura li ntuzat minn ibnu, x-xhud ighid li din inkriet ghall-wiehed u ghoxrin gurnata u dan skond ma jirrizulta mir-ricevuta ezebita.

10. Fil-31 ta' Jannar, 2012 xehed **Joseph Sammut**, direttur fis-socjeta Car Wise Limited li kienet is-socjeta li ghamlet ix-xogholijiet ta' tiswija fuq il-vettura Volkswagon Golf bil-pjanca ta' registrazzjoni CIC-283. Huwa beda biex ikkonferma d-dokument immarkat bhala dok. NP1 fl-ammont ta' €182. 15 (fol. 2). Meta gie mistoqsi r-raguni l-ghala t-tiswijiet fuq din il-vettura damu wiehed u ghoxrin (21) gurnata, x-xhud ighid li s-socjeta minnu rapprezentata ma tahdimx is-Sibt u l-Hadd. Ghalhekk, l-ewwel opportunita li huma kellhom biex jaraw il-vettura tan-Nutar kien it-Tnejn. Peress li l-vettura tan-Nutar riedet tigi olzata bil-gakkijiet, u peress li fuq il-gakkijiet li kellha l-kumpanija kien hemm karozza ohra, kien biss jumejn jew tlieta wara t-Tnejn li huma setghu jibdew jahdmu fuq il-vettura tan-Nutar. Meta l-vettura giet olzata, irrizulta li kien hemm hsara fis-*sump*. Huwa kellu jikkonduci xi ezamijiet fuq l-imsemmija vettura peress li x'aktarx din kienet qeghda tinstaq minghajr zejt. Dan kollu involva izjed zmien. Sussegwentement, huwa mar ghand l-agent tal-karozza u gie nfurmat li parts ma kellhomx izda li kien ser ikollhom sump madwar 4 jew 5 t'ijiem wara. Meta reggha mar, huwa gie nfurmat li dan is-*sump* ma kienx dahal. Kien ghalhekk li huwa mar ghand xi nies li jbieghu affarijiet relattati mal-vetturi *second hand*. Pero, jghid ix-xhud, huwa rnexxielux jakkwista *sump*. Meta ra li z-zmien beda ghaddej, ix-xhud ighid li huwa ha s-*sump* li kien hemm fil-vettura tan-Nutar ghand l-ingineer tieghu biex jipprova jirrangaha. Mistoqsi mit-Tribunal x'ghamel izjed xoghol fuq din il-vettura, x-xhud ighid li "*... kelli hafna giri biss biss mort darbtejn ghand Mizzi*" (fol. 30).

11. Fis-seduta tas-17 ta' April, 2012 xehed **is-Sindku tal-Kunsill konvenut Horace Anastasi**. Minn investigazzjonijiet li ghamel dan ix-xhud, irrizulta li din il-*hump* in kwistjoni kienet saret mill-ADT fis-sena 1996.

Huwa esebixxa ittra datata 16 ta’ Jannar, 1998 rilaxxata mit-Traffic Control Board in sostenn ta’ dan il-fatt. Izid ighid li din l-i*sleeping policeman* saret taht id-direzzjoni tal-Perit Carm Lino Spiteri ghan-nom ta’ l-ADT. Dwar il-kwistjoni tad-dlam, is-Sindku jghid li fuq din il-*hump* hemm lampa tat-triq. Apparti dan, hemm ukoll lampa tal-Gvern li taghti ghal fuq Triq San Guzepp, li tigi t-triq ta’ fuq biswit Triq Braille, u ghalhekk skond is-Sindku, kien hemm dawl bizzejjed biex din il-*hump* tidher. B’referenza ghall-i*speed* li semma’ n-Nutar Critien li kien ghaddej bil-vettura, s-Sindku jghid li “*... erbghin jew hamsa u erbghin kilometru fis-siegha ghal dawk l-akkwati huma hafna*”. Il-vetturi, jkompli jghid is-Sindku, jirrallentaw u xi minn daqqiet jigu *dead stop*.

Wara li rcieva dan l-ilment, is-Sindku ghamel il-verifiki tieghu ma Transport Malta u huwa gie nfurmat li kollox kien skond l-ispecifikazzjonijiet taghhom. Izid ighid ukoll li l-Kunsill immexxi minnu jiehu l-affarijiet relatati ma’ Transport Malta b’serjeta. Qal illi minhabba xogholijiet li kienu saru hziena mill-Kunsill precedenti, il-Kunsill tieghu kien gie mmultat €1,200 pero ghar-rigward ta’ din il-*hump* in kwistjoni huma ma kienu wehlu l-ebda multa. In kontro-ezami huwa qal li ma jaqbilx li din l-i*sleeping policeman* kienet *camouflaged* mat-triq. Il-manutenzjoni li l-Kunsill konvenut jaghmel fuq din l-i*sleeping policeman* hija wahda ta’ tibjid.

Ikkunsidra ulterjorment;

12. Permezz ta’ din il-kawza, l-attur qieghed jitlob minghand il-Kunsill konvenut il-hlas tad-danni li huwa garrab, kemm ghar-rigward tal-vettura tieghu kif ukoll ghal uzu ta’ karozza tal-kiri u dan minhabba incident li sehh nhar it-2 ta’ Settembru, 2011 meta ibnu kien qieghed isuq il-vettura ta’ l-attur tal-marka Volkswagon Golf u ghadda min fuq *sleeping policeman* li jinstab fi Triq Braille.

13. Il-Kunsill konvenut iqanqal diversi eccezzjonijiet. L-ewwel wahda hija dik li tirrigwarda l-kompetenza rationae materie ta’ l-istess Tribunal. Huwa

jibbaza din l-eccezzjoni peress li skond hu, t-talba kif dedotta ma tkkwalifikax bhala ‘money claim’ skond il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta. It-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni. L-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ danni li huwa ssubixxa, liema ammont huwa likwidat. Huwa minnu li l-attur qieghed jitlob lit-Tribunal fl-ewwel talba tieghu li l-Kunsill konvenut jigi dikjarat responsabbli ghal incident de quo, pero kollox ma kollox, dik hija parti mill-funzjoni tat-Tribunal. It-talba principali hija ghal hlas ta’ kumpens ghad-danni subiti u dan jaqa fil-parametri tal-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal. It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghas-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 380 li jistabilixxi x’inhuma dawk il-kwistjonijiet li huma lil hinn mill-kompetenza tieghu. Il-kaz odjern ma jinkwadrax ruhhu f’xi wahda minn dawn il-kwistjonijiet. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

14. Illi ghar-rigward tal-mertu, l-Kunsill konvenut esebixxa ittra datata 16 ta’ Jannar, 1998 mahruga mit-Traffic Control Board. Skond din l-ittra, l-Kunsill gie awtorizzat biex jaghmel “*Flat – Topped Road Hump with the appropriate Road-Hump warning sign and painted road – hump carriageway marking 10 metres south of the entrance to Romeo Romano Gardens in Triq Braille*” (Dok. HA1).

15. Irrizulta li l-incident sehh bil-lejl u li fid-data ta’ l-incident, skond ma jidher mir-ritratti esebiti mix-xhud Dr. Sean Critien, l-istess *hump* kellha ftit, kwazi xejn, zebgha bajda biex tindikaha. Il-Kunsill konvenut ghandu l-obbligu lejn is-sewwieqa, bhala Gvern lokali, li jipprovdi toroq siguri u hielsa minn kull periklu u parti mportanti minn dan l-obbligu jigi sodisfatt jekk dak imsemmi fl-ittra datata 16 ta’ Jannar, 1998 tigi segwita. Dak li tghid din l-ittra kien li “*Flat – Topped Road Hump with the appropriate Road-Hump warning sign* ***<u>and painted road – hump carriageway marking 10 metres south of the entrance to Romeo Romano Gardens in Triq Braille</u>***” (Dok. HA1) – sottolinejar u enfasi tat-Tribunal). Mir-ritratti esebiti, l-*hump* ma kienitx mizbugha u ma kienx hemm il-marki rikjesti fil-*carriageway* skond kif hemm mitlub f’dan id-

dokument. Dan in-nuqqas da parti tal-Kunsill wassal sabiex il-vettura ta’ l-attur issofri l-hsarat li garrbet.

16. Illi ghar-rigward tal-velocita ndikata min-Nutar Sean Critien bhala li huwa kien ghaddej biha u cioe bejn erbghin u hamsa u erbghin kilometru fis-siegha, it-Tribunal huwa tal-fehma li dan mhux xi velocita eccessiva u li kieku kien hemm senjaletika adegwata u senjatament li l-*hump* kienet tkun mizbugha kif kien rikjest fl-ittra tas-16 ta’ Jannar, 1998 zgur li dan l-episodju ma kienx isehh.

17. Dan kollu ma jfissirx li l-*hump* ma kienitx mibnija skond is-sengha u l-arti. It-Tribunal ma jhoss li ghandu jidhol fuq dan l-aspett tal-vertenza. L-iktar haga importanti u cioe l-manutenzjoni ta’ l-istess *hump* kienet taqa fir-responsabbilita tal-Kunsill konvenut, u l-istess Kunsill konvenut naqas milli jaghmel dan il-manutenzjoni, konsistenti principalment f’tibjid ta’ l-istess *hump* u marki tal-kerreggjata biex juru lis-sewwieqa li hemm insidja fit-triq.

18. L-attur qieghed jirreklama ukoll il-hlas tas-somma ta’ €273 minhabba *loss of use* tal-vettura tieghu, liema hlas sar sabiex tkun tista tinkera vettura ghal uzu ta’ ibnu n-Nutar Sean Critien. It-Tribunal ma jaqbilx li dan l-ammont huwa dovut lill-attur. Ibda biex il-kawza saret minn Nutar Patrick Critien, sid il-vettura Volkswagon CIC-283. Huwa kien sellef din il-vettura lil ibnu n-Nutar Sean Critien. Allura meta sehh l-incident, kien ibnu li spicca bla vettura u mhux l-attur li skond ma xehed l-istess attur huwa ghandu vettura ohra li juza hu personalment (fol. 25). Ghalhekk, galadarba sid il-vettura ma sofriex xi konsegwenzi minhabba dan l-incident – salv ghal hsarat subiti fil-vettura tieghu – allura jsegwi li l-ebda ammont ma huwa dovut ghal non uzu. It-Tribunal mhux ser jesprimi ruhhu dwar x’kienet tkun il-posizzjoni li kieku n-Nutar Sean Critien kien ikun attur flimkien ma missieru f’dawn il-proceduri. Li ghandu t-Tribunal quddiemu hija talba minn sid il-vettura li garbet hsarat minhabba inadempjenza u nuqqas da parti tal-Kunsill konvenut li kellu jiehu hsieb jindika biz-zebgha li fit-triq kien hemm *hump*. Il-konsegwenzi ta’ dan l-incident ma soffriehomx in-Nutar Patrick Critien sid il-vettura

Volkswagon Golf, imma ibnu, n-Nutar Sean Critien ghax ma baqax juza l-karozza ta' missieru sakemm din kienet qeghda ghat-tiswija.

19. It-Tribunal ghalhekk sejjer inaqqas l-ammont ta' €273 reklamat mill-attur bhala spejjez minnu inkorsi minhabba l-*loss of use* tal-vettura Volkswagon Golf CIC-283 mill-ammont reklamat ta' €455 reklamat fit-talba promotrici. Il-bilanc u cioe s-somma ta' €182 hija dik is-somma dovuta mill-Kunsill konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1) Jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u cioe dik li tirrigwarda n-nuqqas ta' kompetenza tieghu rationae materiae u konsegwentement jiddikjara li huwa ghandu gurisdizzjoni jisma u jiddeciedi dan il-kaz.

2) Jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-Kunsill konvenut in kwantu dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, jilqa t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' mija tnejn u tmenin euro (€182) u konsegwentement jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' mija tnejn u tmenin euro (€182). L-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------